MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PHILIP MANDUCA**

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2004

Talba Numru. 2046/2003

**Alf Mizzi & Sons (Marketing) Limited**

**Vs**

**Yose' Buttigieg**

**It-Tribunal**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' Lm747.00c (seba' mija u sebgha u erbghin lira Maltin) rappresentanti bilanc ta' prezz ta' merkanzija mibjugha u debitament ikkonsenjata lilu.

Bl-imghax legali mid-dati tal-konsenji, u bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittri bonarji datati 21 ta' Lulju 2003 u 25 ta' Awwissu 2003, u tal-Mandat ta' Sekwestru ppresentat kontestwalment, kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut baqa' kontumaci;
Sema' li l-ammont ghadu dovut;

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jilqa' t-talbiet attrici, kif kontenuti bl-ispejjez u l-interessi skond il-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------